**The Court of Magistrates (Malta)**

**As a Court of Court of Criminal Judicature**

**Magistrate Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**The Police**
**(Inspector Jonathon Cassar)**
**vs**
**Mahamadou Fofana**

Illum is-16 ta' Mejju 2023

Il-Qorti rat li tressaq taht arrest lil **Mahamadou Fofana,** ta' 24 sena, iben Gulu u Sali nee' Sogo, imwieled fil-Mali nhar l-1 ta' Jannar 1996, residenti fil-fond Bird of Paradise, Triq il-Merħba, Fgura, detentur tal-karta tal-identita' Malitija bin-numru 67671(A) u Numru tal-Pulizija 11F-091;

U nakkużawħ talli nhar it-Tlieta (3) ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' bejn l-Erbgħa ta' filgħodu (04:00Hrs) u s-sitta neqsin kwart ta' filgħodu (05:45hrs), fi Triq il-Kejla, Swieqi u/jew f' bnadi oħra f' dawn il-Gżejjer:

1. Fil-fond, 20, 'Il-Ħawt', Triq il-Kejla, Swieqi ikkommetta serq ta' ġojjellerija, flus kontanti u apparat eletroniku li kumplessivamnet

jammontaw għal aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Marcolette Baker u/jew persuni oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz', bil-'valur', bil-'lok' u bil-'ħin';

2. Fil-fond bl-isem 'Elan', Triq il-Kejla, Swieqi, bil-ħsieb li jikkometti serq aggravat bil- 'mezz', bil-'valur', bil-'lok' u bil-'ħin' għad-detriment ta' Ramon Mizzi u/jew persuni oħra, ura dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

3. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha, bi ksur ta' l-Artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-użu esklussiv tiegħu**;

4. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

5. Irrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;

6. Ikkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LLd nhar is-27 ta' Lulju 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 4 ta' Novembru 2020 fejn ta l-kunsens skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) u s-subartikolu (2) tal-artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika (Kap 31).[1]

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar il-4 ta' Novembru 2020 l-imputat iddikjara li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[2]

Rat li fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2023 l-imputat Mahamadou Fofana irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.[3]

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur

[1] Folio 3 u 4 ta' l-atti processwali
[2] Folio 8 ta' l-atti processwali
[3] Folio 320 ta' l-atti processwali

ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2023.[4]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2023 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li hija aggornata sas-sena 2020[5]. Illi mill-fedina penali jirrizulta diversi sentenzi registrati relatati mas-serq.

---

[4] Folio 328-330 ta' l-atti processwali
[5] Folio 6 u 7 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali

- L-ammissjoni ta' l-imputat. Illi din il-kawza bdiet Novembru 2020 u l-imputat ghazel li jammetta minn jeddu iktar minn sentejn u nofs wara. Illi jirrizulta li l-Avukat Generali ma lahaqx hareg l-artikoli ghall-gudizzju l-prosekuzzjoni kienet ghadha ma lahhqitx ghalqet il-provi taghha sal-udjenza meta l-imputat irregistrat ammissjoni.

- L-imputat irregistra ammisjsoni tieghu wara li kien diga mitlub l-ewwel darba dwar il-htija tieghu o menu, wara li nstemghu l-maggioranza tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u wara li kienu ghaddew madwar sentejn u nofs. B'hekk ghalkemm l-ammissjoni saret qabel l-gheluq tal-provi tal-prosekuzzjoni u l-ghoti tas-sentenza finali, fattwalment, ma jistax jinghad li saret fi stadju bikri in vista tal-fatt li saret sentejn u nofs wara li l-imputat tressaq u wara li giet appuntata ghal-smiegh kemm il-darba.

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[6], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[7], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[8] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[9]

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li l-Qorti xorta dahhlet f'hafna xoghol u spejjez sabiex tinstema din l-kawza u filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi l-ammissjoni ta' l-imputat saret qabel l-gheluq tal-provi tal-prosekuzzjoni u l-Qorti ghaddiet sabiex tippronunzja ruhha dwar il-fatti u mertu tal-kaz, tqis li din l-ammissjoni ma sarits fi stadju bikri.

---

[6] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[7] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[8] Thomson Reuteurs, S-29
[9] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.
- Illi l-imputat huwa recidiv skond l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.
- Illi jirrizulta wkoll li l-imputat wettaq dawn ir-reati waqt li kien taht Ordni ta' Probation.
- Illi jirrizulta wkoll li l-imputat wettaq dan is-serq waqt li kellu fil-pussess tieghu d-droga.
- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*
- Illi fit-trattazzjoni finali kemm il-prosekuzzjoni u d-difiza talbu lill-Qorti sabiex tikkunsidra piena kumplessiva ta' erba (4) snin prigunerija. Illi filwaqt li din il-Qorti mhix marbuta ma dan is-suggeriment tqis li l-piena imressaq ghall-kunsiderazzjoni tal-Qorti hija legalment proponibbli.
- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a)(b), 266(1), 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281(a)(b)(c), 41(1)(a), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 119 skond il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 22 tal-1985 u l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill Mahamadou Fofana **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' **erba'** (4) snin u multa kumplessiva ta' mitejn euro (**€200**).

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Mahamadou Fofana ihallas lir-Registratur tal-Qorti **nofs** l-ispejjez tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco mahtur fis-somma ta' hames mitt euro disgha u tletin euro u sebgha u sittin centezmu (€539.67)[10], l-espert mahtur l-ispizzjar Godwin Sammut fl-ammont ta' mija u tmienja u erbghin euro u wiehed u sebghin centezmu (€148.71)[11] fl-ammont komplessiv ta' sitt mija u tmienja u tmenin ewro u tmienja u tletin centezmu **(€688.38).**[12]

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar is-16 ta' Mejju 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

[10] Folio 66 u 336 ta' l-atti processwali
[11] Folio 171 ta' l-atti processwali
[12] Dok MSX1, Folio 210-222

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**